A.L. 201 tal-2011

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-ħruġ ta' Euro 466,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2021 (II)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap, 161 u bl-artikolu 6(2) tal-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi, Kap. 358, u bis-saħħa tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u Malta, iffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991, u riprodott fl-Iskeda li tinsab mal-Att tal-1992 dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment awtorizza l-ħruġ tas-somma ta €466,000 fi *Stock* tal-Gvern bis-7% f'isem l-Entitajiet Ekklesjastici kif ġej:-

Mod ta' ħruġ tal-i*Stock*.

1. L-i*Stock* li hu negozzjabli u ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti, għandu jinħareġ bil-prezz ta' €100 fil-mija u jkun allokat lill-Entitajiet Ekklesjastici f'multipli ta' €100 fit-18 ta' Ġunju, 2011.

Rata ta' mgħax u dati tal-pagamenti.

2. (1) L-imgħax sħiħ għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-18 ta' Ġunju u fit-18 ta Diċembru ta kull sena matul il-perijodu tal-i*Stock*. Ir-rata tkun riveduta kull sentejn, li jibdew jgħoddu mill-ħruġ tal-i*Stock*, b'tali mod li jinżamm 1% anqas mir-rata massima normali tas-self skond il-liġi, sakemm dan qatt ma jkun anqas minn 7%.

(2) Il-ħlas tal-imgħax għandu jsir b'*warrant*, li jintbagħat bil-posta għand l-i*stockholder* innifsu għar-riskju tiegħu jew f'xi fergħa ta' bank lokali, għand persuna jew korp ta' persuni li lilhom l-i*stockholder* ikun, b'talba bil-miktub, awtorizza lill-*Accountant General* biex joħroġ il-*warrant*. L-ebda *warrant* m'għandu jitħallas sakemm ma tkunx iffirmata irċevuta relattiva u tali irċevuta għandha tkun prova ta' ħlas favur l-*Accountant General* u l-Gvern.

(3) F'każijiet li l-i*Stock* ikun reġistrat f'ismijiet ta' żewġ persuni jew aktar bħala *stockholders* aġġunti, l-*Accountant General* jista' jagħmel il-ħlas bil-mod indikat aktar qabel lil dik il-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fuq ir-reġistru. Irċevuta ta' ħlas ta' mgħax mogħtija minn wieħed jew tnejn jew aktar *stockholders* aġġunti għandha, sakemm ma jkunx hemm avviż kuntrarju li jingħata lill-*Accountant General* minn xi *stockholder* ieħor aġġunt, tkun prova ta' ħlas tal-imgħax favur l-*Accountant General* u l-Gvern.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Negozjar fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. L-applikazzjoni biex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji. Tali *Stocks* jistgħu jinbiegħu lill-pubbliku bl-awtorità minn qabel tal-Konferenza Episkopali Maltija. L-i*Stock* jista' wkoll ikun negozjat bejn Entitajiet Ekklesjastiċi barra l-Borża ta' Malta, ma tkunx meħtieġa tali awtorizzazjoni, u jkun ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti.

Piż fuq id-dħul u l-attiv.

4. L-i*Stock* u l-imgħax fuqu għandhom ikunu addebitati lid-dħul u l-attiv ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

Redenzjoni tal-i*Stock*.

5. L-i*Stock* jinfeda bi *premium* ta' 10% fuq il-valur nominali tiegħu f'data bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 (iż-żewġ dati inklużi) skont kif jistabbilixxi l-*Accountant General* u skont ma jigi avżat fil-Gażżetta.